MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA
U GVERN LOKALI

MALTA

MINISTRY FOR JUSTICE
AND LOCAL GOVERNMENT

*Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

*Local Councils Department*

LCD 13/1994/VI

27 ta' Diċembru 1999

Lis-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

Memo 87 /1999

**Dwar: Att Nru XXI ta' l-1999**

L-Att Numru XXI ta' l-1999, maħruġ nhar il-21 ta' Diċembru 1999 biex jemenda l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, ġie fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 1999 bil-pubblikazzjoni ta' Avviz Legali Numru 218/1999. Dan l-Att qed jitqassam mid-Dipartiment lil kull Kunsill Lokali.

**IMPORTANTI** - Tajjeb li ninforma lil dawk il-Kunsilli Lokali li m'għandhomx Viċi Sindku li skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Att f'kull Kunsill issa jrid ikun hemm Viċi Sindku. Għaldaqstant fejn il-kariga ta' Viċi Sindku hija vakanti, s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku għandhom ir-responsabbilta' li fl-ewwel laqgħa li jmiss tal-Kunsill din il-materja trid tiġi nkluża fl-agenda u l-elezzjoni issir skond il-proċedura ġdida fir-Raba' Skeda ta' l-imsemmi Att.

Nixtieq ukoll niġbed l-attenzjoni tagħkom għal diversi Artikoli fl-imsemmi Att li, fost oħrajn, huma ta' ċertu importanza, kif ġej:

CHATEAU DE LA VILLE, 21, TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 226534/5/6 FAX: 224904

| Artikolu | | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 2 (c) | - | tifsira ġdida ta "lokalita" |
| 3 (1) | - | "Segretarju Eżekuttiv" – isem ġdid |
| 4 | - | Awtorizzazzjoni tal-Ministru għal dħul f'xi forma ta' soċjeta kummerċjali |
| 7, u 44 | - | Kwalifika biex Kunsillier jibqa' membru tal-Kunsill tiegħu |
| 10 | - | Attendenza għall-laqgħat – proċedura ġdida |
| 13 | - | Vot ta' sfiduċja – proċedura ġdida tal-mozzjoni |
| 15 | - | Rimunerazzjoni għal min jassumi il-funzjonijiet ta' Sindku |
| 16 | - | Konsultazzjoni mal-Kunsill minn kull Awtorita' |
| 17 | - | Proċedura ġdida għall-*Bye-Laws* |
| 18 | - | Twaqqif ta' Tribunali Lokali |
| 20 | - | Restrizzjonijiet għall-kuntratti minn Kunsilliera ta' l-istess Kunsill |
| 21 | - | Avvizi tal-Kunsill fil-Gazzetta tal-Gvern |
| 25 | - | Rħula żgħar skedati |
| 28 | - | Impjegati tal-Kunsilli Lokali |
| 32 | - | Laqgħat tal-lokalita' – proċedura ġdida |
| 39 | - | Elezzjoni ta' Sindku u Viċi Sindku - Ara r-Raba Skeda |
| 40 | - | Formula ġdida għall-finanzjament |
| 41 | - | Ordnijiet Permanenti – ara s-Sitt Skeda partikolarment klawsola (a)(iii) dwar aġġornament f'nuqqas ta' quorum |

Nitlobkom tgħaddu din l-informazzjoni lil kull Kunsillier biex jagħraf jimxi skond il-legislazzjoni.

Inselli għalikom.

Victor J Rizzo
Direttur (Kunsilli Lokali)

Kopji: Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali (Malta)
Awditur Ġenerali